# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz Nru. 1339/93 JSP**

**Victor Micallef**

**vs**

**1. Avukat Generali**

**2. Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn zewg sentenzi, wahda in parte moghtija fs-6 ta' Dicembru, 1994 u l-ohra finali moghtija fl-1 ta' Ottubru, 1996 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) f'din il-kawza istitwita minn Victor Micallef kontra l-Avukat Generali u l-Avukat Prim Ministru.

Ghall-kompletezza ta' din is-sentenza, ser jigu riprodotti l-ewwel iz-zewg sentenzi appellati fl-intier taghhom.

L-ewwel sentenza, kif inghad, hija dik tas-6 ta’ Dicembru, 1994 li taqra kif gej:-

“Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:-

"Illi kontra l-attur inghata sentenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Pulizija vs Victor Micallef" u dan fis-seduta tat-23 ta' Lulju 1993;

Illi kif jirrizulta mill-istess sentenza, fil-mori tal-gudizzju nbidlet il-ligi fis-sens li reati tad-dwana ma baqghux izjed kunsidrati reati permanenti izda ghalihom giet introdotta preskrizzjoni ghall-azzjoni kriminali mid-data ta' l-importazzjoni, u dan bl-Att XIX tal-1985, liema disposizzjoni aktar favorevoli ghall-imputat pero' giet michuda, peress li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kkunsidrat u rriteniet “li din id-disposizzjoni mhix applikabbli ghall-azzjoni odjerna li inbdiet fi Frar tal-1984;

Illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni penali iqsar hija ligi aktar favorevoli ghall-imputat milli kieku l-preskrizzjoni ma tibda tiddekorri qatt peress li r-reat ikun permanenti;

Illi tali emenda aktar favorevoli tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni penali u mhux mera procedura, u ghalhekk l-attur kellu dritt li l-ligi favorevoli tigi applikata favur tieghu, u tali nuqqas jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi, peress li jmur kontra l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk l-attur ghandu d-dritt ghall-azzjoni odjerna;

Illi l-preskrizzjoni tolqot u toqtol kull imputazzjoni u piena;

Illi kif jirrizulta mill-istess sentenza l-armi in kwistjoni kienu ta' valur ta' antikita', u l-attur kwantu kien fil-pussess ta' l-istess oggetti gie liberat mill-akkuza relattiva, pero' gie kundannat li ma kienx hallas id-dazju, u konsegwentement giet ordnata l-konfiska;

Talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li dik il-parti fis-sentenza moghtija kontra l-attur mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 1993,

kwantu irriteniet li l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif introdotta bl-Att XIX tal-1985 ma kenitx applikabbli ghall-kaz tieghu, tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi, u konsegwentement hija nulla u bla effett;

2. tirrinvija l-atti lill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali biex l-istess tapplika l-provvedimenti l-aktar favorevoli ghall-imputat attur f'din il-kawza, biex hekk tigi amministrata gustizzja.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 1993."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa:-

"1. Preliminarjament, illi l-eccipjent Onor. Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

3. Illi, fil-meritu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali applikat korrettement l-Att XIX tal-1985.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza ghandha zewg aspetti separati u distinti li l-Qorti jehtieg li tinvesti u tiddeciedi: wiehed li johrog mit-talbiet ta’ l-attur kif originarjament impostati fuq il-ligijiet ordinarji tal-pajjiz u l-iehor il-lanjanza ta’ indole kostituzzjonali li l-istess attur issolleva permezz tan-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu u li talab li l-Qorti tivvaluta u tiddeciedi.

Il-Qorti sejra qabel xejn tikkonsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-talbiet attrici kif proposti fl-att tac-citazzjoni. Fil-verita’ hi ser

tqis qabel xejn it-tieni eccezzjoni taghhom li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Dan ghaliex hu car illi jekk il-konvenuti ghandhom ragun f'din l-eccezzjoni ma jkunx il-kaz li din il-Qorti tiddelibera oltre jekk dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali applikatx korrettement l-Att XIX tal-1985. Dan ghaliex infatti din il-Qorti tkun giet ezawtorata milli tikkonsidra din il-kwistjoni in kwantu ma tkunx taqa' fil-kompetenza taghha. Inoltre lanqas hu utili f'dan l-istadju li l-Qorti tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari dwar jekk l-Onorevoli Prim Minsitru huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dana ghar-raguni illi jekk dan jista' jkun minnu fir-rigward tat-talbiet kif originarjament impostati li jimplikaw indagini ta' operat ta' Qorti, tali eccezzjoni tkun manifestament insostenibbli fir-rigward ta' l-aspett kostituzzzjonali issa sollevat fil-mori tal-kawza. Sewwa allura li din l-eccezzjoni tigi konsidrata fid-dawl ta' dak li ser tiddeciedi din il-Qorti dwar l-ammissibilita' li l-attur iqajjem il-punt kostituzzjonali bil-mod li ssollevah u r-ritwalita' tal-procedura minnu wzata.

I Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti

L-attur qed jissottometti illi din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Jissottometti li kif inhi impostata l-azzjoni mhijiex qieghdha biex din il-Qorti tiddeciedi fuq materja kriminali imma kwistjoni ta' x'inhi l-ligi applikabbli f'materja ta' preskrizzjoni minn Qorti Kriminali. Jargomenta illi mhux qed tintalab il-liberazzjoni ta' l-imputat "imma qed tigi mitluba d-dikjarazzjoni illi kien hemm vjolazzjoni tal-ligi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ghoti ta' tali sentenza".

Il-Qorti tqis li kif originarjament impostata l-azzjoni tippostula li l-Qorti Civili ghandha d-dritt tikkonduci esercizzju ta' investigazzjoni ta' l-operat tal-Qorti Kriminali – jew fil-verita' ta' kull qorti ohra vestita b'kompetenza specjali – biex tiddetermina jekk dik il-Qorti applikatx korrettement il-ligi ghal fatti quddiemha. Dan ikun ifisser illi din il-Qorti hi vestita bil-kompetenza li tarbitra dwar l-interpretazzjoni tal-ligi li ghandha tigi amministrata minn Qorti ohra, tiddetermina x'inhu l-istat ta' dritt f'kull qasam, timponi tali interpretazzjoni fuq qrati ohra li l-operat u l-gudikat taghhom ikunu konsidrati validi biss jekk dawn ikunu konformi ma' tali interpretazzjoni. Kompetenza din li l-ligi bl-ebda mod ma taghti lill-Qorti Civili – anke jekk din hi l-qorti ta' kompetenza ordinarja. Il-perspettiva tal-Qorti Civili bhala qorti fuq il-Qrati kollha kif prospettata mill-attur hi ghal kollox aljena ghall-ordinament guridiku fil-pajjiz u giet korrettement u kostantement rigettata mill-gurisprudenza.

> "It-tendenza odjerna li tigi adita din il-Qorti (Civili) biex tissindika u ticcensura sentenzi jew provedimenti tal-Qrati Ordinarji, barra milli tidher arbitrarja hija fondamentalment anti-guridika w inkonsulta, ghaliex ma jistax jigi tollerat li l-Qorti Kriminali tinsab esposta ghal dina l-ispeci ta' kontroll u ta' revizjoni addizzjonali f'dawk il-kazi fejn il-ligi tippermetti biss appell lill-Qorti Kriminali kompetenti skond il-kaz."
>
> "Li minn ebda parti tal-process ma jirrizulta li l-attur adixxa dina l-Qorti a bazi ta' xi disposizzjoni ta' xi ligi specjali li tattribwixxi lil din il-Qorti kompetenza ordinarja fil-kazi previsti w enuncjati fl-istess ligi u ghalhekk gustament ghandu jigi ritenut li dina l-Qorti f'kazi bhal dawn li ghandha quddiemha ma tistax tkun kompetenti li tiehu konjizzjoni taghhom u tiddecidhom".
>
> ("Avukat Dottor Leslie Grech vs Vivien de Gray, Kummissarju tal-Pulizija" – deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1966 – Imhallef Onor. Eduardo Magri).

Din il-Qorti kif presjeduta ddecidiet hekk fuq l-istess materja fil-kawza "Anglu Bajada vs Prim Ministru et" deciza fil-5 ta' Ottubru 1992:

> "Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi waqt li kull Qorti ghandha gurisdizzjoni esklussiva biex tiehu konjizzjoni tal-materji kollha quddiemha li jaqghu taht il-kompetenza taghha u ta' dawk il-kawzi kollha konnessi maghha:
>
> "A ciascuna delle Corti Superiori e' data una giurisdizione <u>plenaria</u> per gli atti che sono di sua competenza, per cui non puo' essere lecito ad una corte di invadare la giurisdizione come data dalla legge ad un altra Corte". (Vol. XVIII – P II - p347)

Hu car illi huma l-Qrati Kriminali li ghandhom il-kompetenza esklussiva li jiddeliberaw u jiddeciedu dwar l-interpretazzjoni tal-ligi kriminali u l-applikazzjoni taghha fil-kazijiet imressqa quddiemha. U jekk kif hu allegat ikun hemm vjolazzjoni tal-ligi mill-Qorti Kriminali – apparti xi riflessi ta' indoli kostituzzjonali – ir-rimedju li jista' jkun miftuh ghall-imputat certament ma huwiex fir-ricerka ta' holqien ta' stadju ta' appell li l-ligi ma tikkontemplax.

It-tieni ecezzjoni tal-konvenuti qed tigi ghalhekk milqugha. Konsegwentement u naturalment l-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiddelibera dwar u tiddeciedi jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

applikatx jew le korrettement l-Att XIX tal-1985 fil-konsiderazzjoni tal-kaz meritu tal-kawza li fih kien gie akkuzat u misjub hati l-attur.

## II Kwistjoni Kostituzzjonali

Fin-nota tieghu l-attur qajjem il-kwistjoni illi "skond l-Artikolu 46 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni qed iqanqal illi l-istess materja ghandha tigi konsidrata fid-dawl li tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 39 (1) tal-Kostituzzjoni u cioe' "Provisions to secure protection of law". Jallega wkoll vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea "li huwa analogu w illi jimponi fuq din il-Qorti id-dmir illi tezamina l-lamentala tal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali oltre l-vjolazzjoni tal-ligi diga' mressqa. Il-konvenuti fir-risposta taghhom jikkontendu illi l-attur qed jittanta jqajjem "kwistjoni" kostituzzjonali meta "dan ma setax jaghmlu ghax hawnhekk ma qamet ebda kwistjoni f'xi Qorti li mhijiex il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kif jirrikjedi l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni". Jissottometti li se mai l-attur kellu jjipprocedi b'rikors ad hoc fuq l-ilment tieghu.

Is-subinciz 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni hekk jiddisponi:-

> "Jekk f'xi proceduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjoni ta' l-imsemmija Artikolu 33 din il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliciment frivola jew vessatorja".

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati illi dan is-subinciz jipprovdi biss ghar-riferenza li kull qorti ohra barra l-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali hi obbligata li taghmel lill-Prim'Awla jekk tqum xi kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali li dik il-Qorti tqis li ma tkunx frivola jew vessatorja. Dan is-subinciz jassigura li kwistjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali jigu konsidrati u decizi dejjem minn din il-Qorti li giet vestita bil-gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din in-natura. Dan is-subinciz jipprovdi biss ghar-riferenza lil din il-Qorti ta' kwistjonijiet kostituzzjonali li jqumu quddiem qorti ohra, pero' ma jkoprix l-kaz in ezami fejn il-kwistjoni se mai ma tqanqlitx f'xi procedura f'qorti ohra li ma hijiex din il-Qorti jew il-Qorti Kostituzzjonali, imma tqanqlet quddiem l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati, li fil-kawza ma tqanqlitx "kwistjoni" kostituzzjonali fis-sens li l-attur qed jallega li gie vjolat lilu dritt fondamentali sancit bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea. Anke jekk din il-kwistjoni giet imqanqla b'mod mill-aktar inkonswet u kwazi accidentalment

meta wiehed gustament kien jistenna illi materja ta' tali importanza jekk verament kienet tant sentita kellha tkun proprju l-bazi ta' l-ilment ta' l-attur u ta' l-azzjoni minnu proposta.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati, li fil-kawza ma tqanqlitx "kwistjoni" kostituzzjonali fis-sens li l-attur qed jallega li gie vjolat lilu dritt fondamentali sancit bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea. Anke jekk din il-kwistjoni giet imqanqla b'mod mill-aktar inkonswet u kwazi accidentalment meta wiehed gustament kien jistenna illi materja ta' tali importanza jekk verament kienet tant sentita' kellha tkun proprju l-bazi ta' l-ilment ta' l-attur u ta' l-azzjoni minnu proposta.

Tqajmet kif tqajmet il-kwistjoni giet issa sollevata u ma hemmx dubbju li kif impostata hi din il-Qorti li ghandha gurisdizzjoni originali in materja biex tismaghha u tiddeciediha. Hu veru li s-subinciz 7 ta' l-istess artikolu 47 jipprovdi ghar-Regolamenti li ghandhom isiru dwar kif jigu proposti t-talbiet quddiem din il-Qorti fejn hu allegat illi kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali. Hu provdut espressament illi dawn ir-regolamenti ghandhom ikunu mahsuba - kif fil-fatt gew mahsuba - "biex jigi zgurat li l-procedura ghandha tkun <u>b'rikors</u> u illi s-smiegh ghandu jkun b'kull heffa possibbli".

Gustament il-preokkupazzjoni tal-legislatur kienet li tassigura <u>l-ispeditezza tal-proceduri</u> biex jigu ridotti ghal minimu essenzjali l-formalitajiet u l-formalizmu. Il-Kostituzzjoni nfatti tesigi li l-lanjanza dwar allegat ksur ta' dritt fondamentali jew li x'aktarx kien ser jigi miksur titressaq quddiem il-Qorti b'rikors ghax din il-procedura tassigura li t-talba tigi trattata minnufih. Dan pero' ghandu jiftiehem li jfisser illi japplika ghall-fatti u cirkostanzi li ma jkunux diga' quddiem il-Qorti u l-Prim'Awla tkun qed tiehu konjizzjoni taghhom ghall-ewwel darba. Fejn ghal kuntrarju - kif inhu l-kaz prezenti – il-Qorti tkun diga' giet adita minn dawn il-fatti u cirkostanzi anke jekk verament taht forma ohra, ma jidher li hemm xejn fid-dicitura ta' l-artikolu 46 li jimpedixxi lil din il-Qorti li tinvestiga allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, tiddeciedi dwar u u tipprovdi rimedju fl-istess proceduri gia pendenti quddiemha. Dana wkoll ghax is-subinciz (7) ta' l-Artiklu 46 jezigi li l-procedura ghandha tkun b'rikors ghall-fatti godda li ma jkunux quddiem il-Qorti u mhux allura koncepibbli li l-legislatur li ried jassigura l-aktar speditezza fis-smiegh ta' dawn il-kawzi jezigi li ghandu jkun hemm applikazzjoni gdida ghas-smiegh tal-lanjanza dwar kwistjoni li l-fatti taghha kienu diga' ghal motivi ohra quddiemha. Tali nterpretazzjoni tkun kontro indikattiva w inkonflitt ma' l-ispirtu jekk mhux mal-kelma tal-ligi.

Il-Qorti ghalhekk ser taccetta u tilqa' s-sottomissjoni ta' l-attur illi tikkunsidra kif akkwiziti sallum bla htiega li jaghmel rikors ad hoc tiddiferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni biex jigi trattat dan l-aspett. Tiddeciedi fuq it-talbiet kif originarjament proposti mill-attur kif bazati fuq il-premessi minnu maghmulha fl-att tac-citazzjoni billi tichadhom waqt illi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. Tibqa' impregudikata l-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-attur fil-parametri tal-fatti allegati minnu u tat-talbiet tieghu.

L-ispejjez tal-kawza fl-att tac-citazzjoni kif proposta u ta' l-eccezzjonijiet decizi sallum ikunu a karigu ta' l-attur."

It-tieni wahda mis-sentenzi appellati, kif inghad, hija dik ta' l-1 ta' Ottubru, 1996 li taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:-

"Illi kontra l-attur inghata sentenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Pulizija vs Victor Micallef" u dan fis-seduta tat-23 ta' Lulju 1993;

Illi kif jirrizulta mill-istess sentenza, fil-mori tal-gudizzju nbidlet il-ligi fis-sens li reati tad-dwana ma baqghux izjed kunsidrati reati permanenti izda ghalihom giet introdotta preskrizzjoni ghall-azzjoni kriminali mid-data ta' l-importazzjoni, u dan bl-Att XIX tal-1985, liema disposizzjoni aktar favorevoli ghall-imputat pero' giet michuda, peress li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kkunsidrat u rriteniet "li din id-disposizzjoni mhix applikabbli ghall-azzjoni odjerna li inbdiet fi Frar tal-1984;

Illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni penali iqsar hija ligi aktar favorevoli ghall-imputat milli kieku l-preskrizzjoni ma tibda tiddekorri qatt peress li r-reat ikun permanenti;

Illi tali emenda aktar favorevoli tolqot is-sustanza ta' l-azzjoni penali u mhux mera procedura, u ghalhekk l-attur kellu dritt li l-ligi favorevoli tigi applikata favur tieghu, u tali nuqqas jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi, peress li jmur kontra l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk l-attur ghandu d-dritt ghall-azzjoni odjerna;

Illi l-preskrizzjoni tolqot u toqtol kull imputazzjoni u piena;

Illi kif jirrizulta mill-istess sentenza l-armi in kwistjoni kienu ta' valur ta' antikita', u l-attur kwantu kien fil-pussess ta' l-istess oggetti gie liberat mill-akkuza relattiva, pero' gie kundannat li ma kienx hallas id-dazju, u konsegwentement giet ordnata l-konfiska;

Talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li dik il-parti fis-sentenza moghtija kontra l-attur mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Lulju 1993, kwantu irriteniet li l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kif introdotta bl-Att XIX tal-1985 ma kenitx applikabbli ghall-kaz tieghu, tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi, u konsegwentement hija nulla u bla effett;

2. tirrinvija l-atti lill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali biex l-istess tapplika l-provvedimenti l-aktar favorevoli ghall-imputat attur f'din il-kawza, biex hekk tigi amministrata gustizzja.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 1993."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa:-

"1. Preliminarjament, illi l-eccipjent Onor. Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

3. Illi, fil-meritu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali applikat korrettement l-Att XIX tal-1985.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat is-sentenza taghha in parte tas-6 ta' Dicembru 1994 li bih hi accettat u laqghet is-sottomissjoni ta' l-attur illi tikkunsidra l-aspett kostituzzjonali minnu sollevat fuq l-atti sa dak in-nhar akkwiziti bla htiega li jaghmel rikors ad hoc u ddifferiet il-kawza biex tigi trattata taht dan l-aspett. Iddecidiet fuq it-talbiet kif originarjament proposti mill-attur u kif bazati fuq il-premessi minnu

maghmula fl-att tac-citazzjoni billi cahdithom waqt li laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-kwistjoni Kostituzzjonali sollevata mill-attur fil-parametri tal-fatti allegati minnu baqghet impregudikata. Din giet ulterjorment trattata u jehtieg li issa tigi deciza.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezibiti u senjatament is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Victor Micallef" deciza fit-23 ta' Lulju 1993.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghat it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

Il-fatt guridiku li pprovoka din il-lanjanza kostituzzjonali hu c-cahda mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-aggravju illi l-Qorti Kriminali tal-Magistrati naqset li tehles lill-attur akkuzat quddiemha mill-akkuzi migjuba kontrih bl-applikazzjoni tal-provvediment ta' l-Att XIX tal-1985 fir-rigward tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni pertinenti ghal dawk l-akkuzi w id-delitti fihom kontenuti. Utili li tigi riprodotta s-segwenti silta minn dik is-sentenza biex tigi facilitata t-trattazzjoni ta' dan l-aspett kostituzzjonali tal-vertenza.

**<u>Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali:</u>**

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk iddecidiet:-

"*Rat is-sentenza tat-<u>23 ta' Settembru 1991</u> li biha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lill-imputat hati li fit-22 ta' Dicembru 1983 u matul l-ahhar xhur qabel Frar 1984, fil-Madliena w il-Hamrun u f'postijiet ohra f'Malta:*

*(1) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm armi tan-nar u munizzjon elenkati fid-Dokument "A" anness ma' l-imputazzjonijiet, kif ukoll gie fil-pussess ta' armi tan-nar u munizzjoni xorta ohra milli b'licenzja, minghajr ma ta minnufih avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija w ikkundannatu jhallas multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50);*

*(2) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja zamm*

*`gunpowder' u munizzjon iehor u ikkundannatu jhallas multa ta' ghoxrin lira (Lm20);*

*(3) kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija armi tan-nar u munizzjoni kif elenkati fid-Dokument "A" anness ma' l-imputazzjonijiet - valur totali ta' Lm958.45,0 dazju mhux imhallas Lm766.76,0 li l-importazzjoni taghhom hi projbita jew ristretta u li d-dazju fuqhom ma giex imhallas u kkundannatu jhallas multa ta' Lm2,684.72,0 u ghall-prigunerija ghall-zmien gurnata, liema gurnata l-ewwel Qorti ddikjarat li kien jidher li l-imputat kien gia skonta fiz-zmien li kien arrestat in konnessjoni ma' dawn il-fatti;*

*Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza w il-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet.*

*Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Generali talab li din il-Qorti tvarja, tbiddel, u tirriforma dik is-sentenza billi, fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu ghas-sejbien ta' htija, u ghall-multa ta' ghoxrin lira dwar l-akkuza taht l-Ordinanza dwar l-Esplosivi w il-multa ta' elfejn u sitt mija u tlieta u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu dwar l-akkuzi taht il-Kap. 37, tirrevokaha, thassarha u tannullaha in kwantu ghall-multa nflitta a rigward ta' l-akkuzi taht il-Kap. 66 kif ukoll in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ta' gurnata u minflok tinfliggi dik il-multa u dik il-piena ta' prigunerija oghla li jaghmlu ghall-kaz, kif ukoll tordna l-konfiska ta' l-oggetti skond il-ligi.*"

- o m i s s i s -

"*13. L-ahhar aggravju ta' l-imputat huwa li l-azzjoni dwar l-importazzjoni ta' l-armi u munizzjon kienet preskritta. Fir-rikors tieghu ssottometta li minn meta saret l-importazzjoni sas-sentenza kien hemm tibdil fil-ligi fis-sens li min kellu l-pussess ta' oggett bla dazju mhallas, "dak il-pussess huwa preskritt jekk, bhal fil-kaz in ezami, ghaddew ghaxar snin mid-data ta' l-importazzjoni." Kompla jissottometti li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-importazzjoni, l-anqas l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u l-anqas li l-azzjoni kriminali kienet ittiehdet qabel ghadda z-zmien preskrittiv.*

*14. Kwantu ghal dan l-aggravju jigi rilevat li a tenur ta' l-Artikolu 76 (2) (a) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37,*

*l-azzjoni bhal dik prezenti, dwar l-importazzjoni illegittima ta' armi, ghandha tigi mibdija fi zmien ghaxar snin, mid-data li fiha l-armi jkunu gew importati. Din id-disposizzjoni pero' giet introdotta fl-Ordinanza tad-Dwana bl-Att XIX tal-1985, u ghalhekk mhix applikabbli ghall-azzjoni odjerna li nbdiet fi Frar 1984. F'din id-data kien japplika l-allura Artikolu 72 ta' l-istess Ordinanza, li kien ighid li l-procediment ghandu jinbeda fi zmien sena minn dakinhar li jsir ir-reat. Ir-reat tal-pussess ta' l-armi bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana, dedott kontra l-imputat, huwa ta' natura permanenti, b'mod li jirrizulta kjarament li l-azzjoni relativa prezenti giet mibdija fit-terminu msemmi. Jirrizulta wkoll mill-atti li fil-pendenza tal-procediment it-terminu preskrittiv (ta' hames snin skond l-Artikolu 688 (3) tal-Kodici Kriminali) gie interrott skond il-ligi.*"

- o m i s s i s -

**Il-lanjanza kostituzzjonali:**

L-attur hekk ippreciza l-lanjanza kostituzzjonali fin-nota tieghu:-

"*Fi kwalunkwe kaz, l-esponenti qed iqajjem il-kwistjoni illi skond **l-Artikolu 46 (1) & (3) tal-Kostituzzjoni** qed iqanqal illi l-istess materja ghandha tigi kkunsidrata fid-dawl illi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** u cioe' "provisions to secure protection of law."*

*Dan l-Artikolu jiggarantixxi li kull persuna akkuzata b'reat kemm-il darba l-istess akkuza ma tigix irtirata, ghandu d-dritt ta' "fair hearing" fi zmien ragonevoli minn Qorti imparzjali w indipendenti. L-enfasi tal-vjolazzjoni qed tigi taht il-kelma "fair hearing" u abbinat ukoll mal-kliem illi l-Qorti trid tkun "established by law".*

*Il-korp kollu ta' l-istess Artikolu jindika illi jrid ikun hemm osservanza tal-ligi u ma thallix lok ghal arbitriju fid-decizjoni ta' reati kriminali. Mhux qieghed jinghad illi l-Onor. Imhallef f'dan il-kaz ezercita arbitriju u kapricc, imma qed jigi allegat illi kien hemm applikazzjoni hazina ta' ligi li kienet favur akkuzat u ghalhekk ma setax jinghad illi kellu "fair hearing" minn Qorti stabbilita bil-ligi ghaliex dik il-ligi kienet stabbiliet ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-kriterju sa fejn setghet tikkundanna w oltre dak il-limitu ma setghetx izjed tikkundanna. Jigi sottomess ukoll illi fil-kliem*

*"unless the charge is withdrawn", hemm implikat id-dritt ta' azzjoni ta' l-istat. Il-preskrizzjoni toqtol id-dritt ta' l-azzjoni ta' l-istat li jipprosegwixxi persuna illi tkun implikata f'reati u f'akkuzi kriminali. Il-fatt illi nbidlet il-ligi f'dan il-kaz partikolari jimplika wkoll, illi l-istat kien qieghed iqassar iz-zmien favurih biex ikun jista' jmexxi b'azzjoni penali u ghalhekk il-kwistjoni illi din il-Qorti tidhol fil-materja, huwa wkoll kopert mill-istess Artikolu w is-sentenza li hemm lamentela minnha tikkostitwixxi mhux biss ksur tal-ligi civili li l-Qorti Civili tista' tidhol fiha, imma tikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni ta' l-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** illi huwa analogu, illi jimponu fuq din il-Qorti d-dmir illi tezamina l-lamentela tal-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali oltre il-vjolazzjoni tal-ligi diga' imsemmija.*"

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

Il-lanjanza kostituzzjonali hi bazata fuq allegata vjolazzjoni tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 39 li jipprovdi hekk:-

"*Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, **<u>kemm il-darba l-akkuza ma tigix ritirata</u>**, jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'ligi.*"

L-attur jinvoka wkoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li huwa analogu u jaghti l-istess protezzjoni.

Il-qofol ta' l-ilment, li fil-verita' ma hu xejn car u ghall-Qorti hu imgebbed ghall-ahhar, jidher li hu illi l-attur qed isostni illi l-fatt illi ir-reat li bih gie akkuzat kien - skond hu - milqut bil-preskrizzjoni estintiva in kwantu b'ligi sussegwenti sar japplika ghall-prosegwiment tieghu terminu iqsar - dan ikun ifisser u kien ekwivalenti "*ghall-irtirar ta' l-akkuza*" fit-termini ta' dan is-subinciz tal-Kostituzzjoni. Trovatura li tista' tkun genjali imma li certament ma tirrifletti xejn il-provvediment li suppost tinterpreta. Ghandu jkun ovvju illi l-prosekuzzjoni ta' l-azzjoni ma hijiex element kostituttiv tar-reat li bih l-attur gie akkuzat. Hi biss limitazzjoni fuq id-dritt ta' l-Istat li jipprosegwixxi u tipprovdi linja ta' difiza miftuha lill-akkuzat kontra tali prosekuzzjoni billi jinvoka l-estinzjoni tal-proceduri kontrih bid-dekors ta' terminu li l-legislatur ikun impona. Apparti r-regoli li jiggvernaw l-istatut tal-preskrizzjoni fil-kamp tal-ligi kriminali u jekk emendi li jqassru jew anke jtawwlu t-terminu preskrittiv jistax ikollhom effett retroattiv, hu car li l-preskrizzjoni bl-ebda mod ma tippregudika lill-akkuzat fil-protezzjoni li ghandu dritt ghaliha

ghall-smiegh xieraq f'gheluq zmien ragonevoli fit-termini tas-subinciz 1 ta' l-Artikolu 39 u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-"*irtirar ta' akkuza*" bl-ebda mod ma tista' titqies li tirreferi ghal jew tinkorpora emendi ghall-istatut tal-preskrizzjoni. Dan hu att legislattiv waqt li l-irtirar ta' akkuza jibqa' dejjem att ta' l-ezekuttiv anke jekk isir in forza ta' att legislattiv;

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni illi l-fatt li nbidlet il-ligi "*jimplika li l-istat kien qieghed iqassar iz-zmien favorih biex ikun jista' jmexxi b'azzjoni penali.*" Imma anke li kieku ghal-grazzja ta' l-argument dan kien hekk, applikazzjoni o meno ta' din ir-regola ma kenitx certament timporta xi vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali ta' l-akkuzat imma kienet tikkostitwixxi biss materja ta' applikazzjoni tad-dritt procedurali li taqa' strettament fil-kompetenza tal-qrati kriminali li effettivament hadu konjizzjoni taghha fil-kaz taht ezami w iddeterminawha. Seta' jinghad li kien hemm kwistjoni kostituzzjonali li kieku l-akkuzat sostna li l-emenda legislattiva kellha tigi applikata retroattivament ghaliex - kif jammettu l-istess intimati - ma hemmx dubbju illi l-konsegwenzi ta' dik l-emenda fihom infushom u kkunsidrati oggettivament u isolatament jiffavorixxu u jagevolaw **kwalunkwe** akkuzat **wara** li tkun giet fis-sehh dik l-emenda "*paragunat ma' kull akkuzat iehor b'akkuza identika* ***qabel*** *ma tkun giet introdotta dik l-emenda.*".

Sottomissjoni simili kienet kieku tisposta t-terren tal-lanjanza kostituzzjonali fuq ir-retroattivita' ta' l-emendi ghal-ligijiet kriminali li jkunu jiffavorixxu l-akkuzat. Imma f'dak il-kaz l-attur kien ikun jehtieglu jinvoka l-protezzjoni tas-subinciz 8 ta' l-Artikolu 39 u ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li jassiguraw li hadd ma jigi akkuzat b'delitt li ma kienx hekk dikjarat b'ligi li kien fil-mument meta gie kommess u li hadd ma jista' jigi assoggettat ghall piena ghola minn dik li setghet tigi fuqu imposta f'dak iz-zmien meta ikkommetta d-delitt.

"*L-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jistabbilixxu illi huwa dritt fondamentali li ebda ligi li tohloq reat jew piena ma jista' jkollha effett retroattiv.*

*Ir-retroattivita' ghalhekk hija* ***eskluza*** *b'mod assolut in kwantu hija anti-kostituzzjonali u tikser drittijiet fondamentali, f'dawn iz-zewg kazijiet jew tipi ta' retroattivita'.*

*Is-sentenza appellata korrettement irriteniet illi, fil-kaz prezenti, billi la johloq reat gdid u lanqas piena gdida, l-akkuzat ma jistax jillamenta lezjonijiet tad-drittijiet*

*fondamentali msemmija f'dawn l-artikoli.*"

("Il-Pulizija vs Lawrence Cuschieri" - Riferenza Numru 288/90 - 8 ta' Jannar 1992).

L-attur forsi ghax kien a konoxxenza ta' dan l-insenjament ma nvokax il-protezzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet li kienu jidhru l-aktar attinenti ghall-kaz tieghu. Invece ipprova iter iehor ghal kollox improbabbli ghax manifestament infondat. Infatti fl-istess sentenza ta' Cuschieri l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet bhala inaccettabbili s-sottomissjoni illi "*l-garanzija kostituzzjonali ma tittutelax biss in non-reita ta' l-akkuzat izda tipprotegi wkoll li ma jinstabx hati in forza ta' disposizzjoni retroattiva tal-ligi.*" Dan proprju ghaliex gustament irriteniet illi din is-sottomissjoni setghet biss tigi accettata bhala kostituzzjonalment valida jekk il-ligi tkun holqot reat gdid applikabbili retroattivament jew piena gdida applikabbili ghal reat aktar oneruza minn dak li kienet tkun applikabbili fil-mument meta r-reat gie kommess. Il-protezzjoni kostituzzjonali allura ma kenitx testendi ghar-regoli ta' procedura li ma joholqux reati jew pieni godda u daqstant iehor ma tapplikax u ma testendix ghal tibdil fit-terminu tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti fil-verita ma tarax f'hiex jista' jilmenta l-attur li certament il-posizzjoni tieghu bl-ebda mod ma giet pregudikata jew aggravata miz-zmien meta hu allegatament ikkommetta r-reat. Jekk il-fatti lilu addebitati jirrizultaw pruvati u fiz-zmien meta kkommettihom kienu jikkostitwixxu reat, daqstant iehor ghandhom ikunu hekk rikonoxxuti llum. U jekk ghal dak ir-reat il-ligi kienet tikkontempla certa piena dik il-piena llum certament ma gietx mizjuda jew saret aktar gravuza. Kif inghad kemm is-subinciz 8 ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jaghtu certa protezzjoni kontra r-retroattivita' tal-ligi kriminali. Pero' "*Article 7 applies where a change in the law occurs retroactively "to the detriment of the accused". What it does not do is guarantee that the accused has the benefit of any alteration in the law* ***to his advantage*** *that takes place between his act or omission and his trial.*" (Law of the European Convention on Human Rights - Harris, O'Boyle & Warbrick - 1995 p. 274 et seq.).

Dana mhux biss ghall-fini tar-reita imma wkoll ghall-fini tal-piena. Hu car infatti illi kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jezigu li r-reita o meno ta' persuna akkuzata b'delitt ghandha tigi kristalizzata fil-mument fiz-zmien meta r-reat gie allegatament kommess. Il-protezzjoni kostituzzjonali testendi biss u gustament biex tassigura li persuna li tikkommetti l-fatt delitwuz ikollha l-

konoxxenza illi dak il-fatt li jkollha hsieb li tikkommetti w effettivament tikkommetti jkun jikkostitwixxi reat skond il-ligi f'dak iz-zmien u li ghal tali kommissjoni hu kien ser ikun passibbli ghal certa piena ben determinata f'parametri li ma setghux jigu aggravati. Jigifieri l-protezzjoni kostituzzjonali testendi ghal dawk il-principji kardinali ta' dritt minn sekli rikonoxxuti "*nullum crimen sine lege*" u "*nulla poena sine lege*". Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali hija **limitazzjoni** fuq id-dritt ta' l-istat li jipprosegwixxi imma ma taghti l-ebda dritt korrispondenti w ekwivalenti lill-akkuzat ghal dikjarazzjoni ta' non-reita tal-fatt delitwuz li bih ikun gie akkuzat.

"*What is the situation if, after the time the offence was committed but before the trial* ***the norm of criminal law*** *or the measure of the penalty has been modified in a sense which is more favourable for the accused? Do the Courts have to apply that modified provision? ..... The words "at the time the criminal offence was committed"suggest that this provision* ***does not confer a right*** *to application of the norm as subsequently alleviated or of the lowered measure of the penalty.*" (Theory and Pracitce of the European Convention on Human Rights - P. Van Dijk and C. J. Van Hoof - pp. 273 et seq).

Il-lanjanza kostituzzjonali sollevata mill-attur tirrizulta ghalhekk infondata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi minn din il-lanjanza billi tiddeciedi illi ma tirrizulta l-ebda lezjoni tad-drittijiet kostituzzjonali ta' l-attur kif protetti bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif pretiz mill-istess attur.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur."

Minn dawn iz-zewg sentenzi, kif inghad, appella r-rikorrent Victor Micallef permezz ta' rikors ta' l-appell prezentat fl-10 ta' Ottubru 1996 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka z-zewg sentenzi appellati fuq riferiti u minflok tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez.

L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali pprezentaw ir-risposta taghhom ta' l-appell fis-16 ta' Ottubru, 1996 u din tinsab a fol 110 tal-process. Fiha huma jargumentaw li z-zewg sentenzi appellati huma gusti u jimmeritaw konferma. B'mod partikolari huma jissottomettu illi l-argumenti proposti mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu itendu ghall-konkluzjoni u jistiednu ghall-konkluzjoni li kull sentenza ta' kull Qorti hija diskutibbli fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u f'kaz li l-Prim'Awla ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-ligi moghtija f'xi tali sentenza, din ghandha ssib ksur tad-drittijiet fondamentali billi dik il-Qorti l-ohra ma tkunx iddecidiet "skond il-ligi". L-appellati jissottomettu li dawn l-argumenti jwasslu ghall-konsegwenza ta' l-interminabilita' tal-kawzi li fiha nfisha tmur kontra l-principji fondamentali tad-dritt processwali li huwa dirett lejn id-decizjoni tal-vertenzi u mhux lejn il-perpetwazzjoni taghhom. Il-perpetwazzjoni tal-vertenzi, implicitament tivvjola d-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u kull interpretazzjoni tal-ligi li twassal ghaliha bhala konsegwenza ghandha, anke biss ghal din ir-raguni tigi respinta.

Imbaghad fir-rigward tat-tieni sentenza, l-appellati jissottomettu illi sakemm ir-rikorrent appellant ma jissodisfax lill-Qorti li huwa kellu d-dritt fondamentali li tigi applikata retroattivament fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni introdotta bl-Att XIX ta' l-1995, pretensjoni li fil-fehma taghhom hija manifestament infondata, huwa qatt ma jista' jithalla jimpunja d-decizjoni finali u valida tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar

materja li taqa' b'mod car fil-kompetenza taghha u fil-kompetenza taghha biss.

Din il-Qorti ser tibda l-ewwwel bl-appell in kwantu dirett ghall-ewwel wahda mis-sentenzi appellati u cioe' dik tas-6 ta' Dicembru, 1994 rigwardanti s-sindakabilita' da parti tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-operat ta' Qrati ohra senjatament in kwantu jirrigwarda dan il-kaz partikolarment Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali.

L-appellant jissottometti illi jekk ikun hemm vjolazzjoni tal-ligi, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha dritt li tidhol u tezaminaha. Dan il-kontroll gudizzjarju huwa fih innifsu dritt fundamentali. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jaghmilha cara li wiehed mid-drittijiet huwa l-access lejn Qorti. Jekk ikun hemm ksur tal-ligi, minn Qorti stess, kontra l-individwu, ir-rimedju jrid ikun quddiem Qorti. L-appellant jaghti wkoll ezempju:- Huwa jiffigura li tigi per ezempju revokata ligi u tkun ghaddiet bhal rih mill-Parlament u hadd ma jaf biha. Persuna tigi kundannata definitivament mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq il-bazi tal-ligi revokata. Allura ma hemmx rimedju legali, jistaqsi l-appellant? Jew hemm biss li wiehed jitlob il-mahfra talli instab hati lill-President tar-Repubblika. L-appellant jaghmilha cara li waqt li l-meritu mhux sindakabbli minn Qorti ohra, il-vjolazzjoni tal-ligi hija pero' sindakabbli. Altrimenti jkun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dak

mhux artiklu li jipprotegi biss li jkun hemm tribunal: it-tribunal irid jopera u jagixxi skond il-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ovvju, illi l-appellant qieghed jaqbad mal-kliem "skond il-ligi" u a bazi ta' l-istess jippretendi li dejjem u f'kull kaz fejn ikun hemm ilment illi Qorti, tkun li tkun, u li ma hijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u li jew tapplika hazin il-ligi li tkun jew tinterpreta jew tifhem hazin dik il-ligi jew tapplika ligi ohra minflok dik il-ligi zbaljatament, allura awtomatikament jitwieled dejjem id-dritt sagrosant bhala dritt ta' access lejn Qorti, minhabba illi fil-fehma ta' l-appellant ikun gie vjolat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Dana peress li smiegh xieraq ifisser illi s-smiegh ghandu jkun skond il-ligi. Jigifieri jekk il-ligi tigi applikata hazin anke f'dak li hu dritt sostantiv, allura ma jkunx hemm smiegh xieraq u allura hemm il-vjolazzjoni tad-dritt kostituzzjonali u allura l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni dejjem u f'kull kaz illi tissindika u anke tiddeciedi 'il fuq minn dak li jkunu ddecidew Qrati ohra anke dawk li ghandhom gurisdizzjoni esklussiva bhalma huma l-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. Verament l-appellant jammetti wkoll illi ma huwiex qed jippretendi illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikollha wkoll id-dritt li tiskrutinja il-meritu ta' dan il-kaz li jkun gie deciz minn Qorti ohra. U allahares ippretenda wkoll illi l-Prim'Awla jkollha wkoll dan id-dritt ghax allura certament konna nidhlu mill-isfera tas-sibillin, ghal dik ta' l-assurd u dik ta' l-inkomprensibbli.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant evidentement qieghed jifhem kompletament hazin il-kuncett tad-dritt kostituzzjonali ghal dak li huwa dritt ta' access ghall-Qorti kif ukoll dritt ta' rimedju f'kaz ta' ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fondamentali. Allahares kellu jigi ammess il-principju illi r-rimedju ghal meta, per ezempju Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, tifhem hazin il-ligi u tapplika u tinterpreta disposizzjoni tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi penali ohra b'rizultat ta' liema dak li jkun jinstab hati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta' rimedju minhabba nuqqas ta' smiegh xieraq. Dan ikun jammonta ghal interpretazzjoni kompletament novella pero' li qatt ma giet accettata anqas fi Strasbourg ta' x'verament ifisser id-dritt ta' smiegh xieraq. L-appellant ghamel riferenza in linea ta' ezempju ghal meta per ezempju tigi applikata ligi fil-konfront ta' persuna f'sede penali liema ligi tkun giet diga' abbrogata u ma ghadhiex tezisti. F'kaz bhal dan, jekk zbaljatament il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tkun sabet persuna hatja u kkundannatha fuq bazi ta' ligi non ezistenti, u allura tar-reat non ezistenti, ir-rimedju m'huwiex ibbazat kif qieghed jimmaginah l-appellant, imma bbazat fuq il-principju l-iehor ta' nullum crimen sine lege u nulla pena sine lege. Rimedji li hemm specifikatament u separatament provdut ghalihom kemm fil-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja.

Hu necessarju li jinzamm separat dak li effettivament nvestiet u ddecidiet l-Ewwel Qorti fl-ewwel wahda mis-sentenzi taghha illum

mertu ta' dan l-appell, u li ghalih imbaghad regghet irriferiet fit-tieni wahda mis-sentenzi taghha u dak li qed jippretendi l-appellant kemm fir-rikors promotorju fi prim istanza kif ukoll issa fir-rikors ta' l-appell tieghu. Iz-zewg affarijiet huma kompletament differenti. Certament kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali mhumiex prekluzi milli jiddeciedu, meta jkun il-kaz, illi xi Qorti ohra tkun illediet xi wiehed mid-drittijiet fondamentali ta' l-individwu – decizjonijiet li bhalhom ittiehdu diversi drabi kemm f'dak li jirrigwarda per ezempju liberta' provizorja kif ukoll f'dak li jirrigwarda smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fost kazijiet ohra. Pero' altru d-dover tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim'Awla bhal Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali originali li jinvestu certi ilmenti kostituzzjonali dwar allegati vjolazzjoni minn Qrati ohra u altru dak li qed jippretendi l-appellant u li cioe' jidhol fid-dettal f'dik li hi applikazzjoni ta' ligi li ma hemmx kwistjoni dwar jekk tezistix jew u sa l-estremita' jekk dik il-ligi partikolari kenitx applikabbli ghall-kaz kriminali pendenti quddiem dik il-Qorti. Certament dak li ddecidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel wahda mis-sentenzi mertu ta' dan l-appell, huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti, bl-akbar assolutezza incensurabbli; huwa kondiviz pjenament minn din il-Qorti li ma jidhriliex li hu l-kaz li tmur ulterjorment. Wara kollox ghandu wkoll jinzamm dejjem car dak illi imbaghad ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fit-tieni sentenza taghha, cioe' dik ta' l-1 ta' Ottubru 1996 fejn, minghajr il-htiega li jsiru spjegazzjonijiet ulterjuri ddelinejat bl-aktar mod car u b'mod li jsegwi mis-sentenza precedenti,

sa fejn testendi l-gurisdizzjoni ta' Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali bhal ma hija l-Ewwel Onorabbli Qorti u bhal ma hija din il-Qorti f'kaz ta' lanjanza bhal ma hija dik prospettata mill-appellant u konsistenti fl-allegazzjoni illi l-ligi li jmissha kienet applikabbli ghalih u li seta' jibbenefika minnha ma gietx applikata a beneficcju tieghu u li dan in-nuqqas kien jikkostitwixxi nuqqas ta' smiegh xieraq u konsegwentement vjolazzjoni ta' dritt kostituzzjonali tieghu.

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni ta' l-appell ta' l-appellant in kwantu dirett ghat-tieni wahda mis-sentenzi appellati.

F'dan il-kuntest l-appellant jissottometti dan li gej:-

1. Li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet sommarju tal-argumenti tieghu bi precizjoni. Huwa ssottometta li ma ghandux fair hearing meta jkollu ligi applikata hazina kontra tieghu, jew ligi favurih ma tigix applikata. Inoltre l-kliem importanti mill-aspett tal-Kostituzzjoni Maltija, "unless the charge is withdraw" japplikaw ukoll ghall-preskrizzjoni li toqtol l-azzjoni tal-Istat. Huwa jissottometti illi fil-fatt hija r-rinunzja tal-Istat li jkompli jipprosegwixxi, u li ghalhekk bil-ligi jkun qed jirtira l-azzjoni kriminali.

2. Il-bdil li kien sar fil-ligi dwar il-preskrizzjoni f'dan il-kaz partikolari kien intiz biex ma jhallix li l-importazzjoni tkun reat permanenti. Kienet cara l-intenzjoni tal-legislatur, u kienet tapplika ghall-kazijiet kollha,

anke dawk li kien hemm pendenti. Ma taghmilx sens s-sottomissjoni ta' l-intimati llum appellanti, jissottometti l-appellant, u li l-Ewwel Qorti accettat, li fid-dritt procedurali l-emenda tapplika ghall-kazijiet li jibdew wara li tidhol fis-sehh. Tibda b'effett immedjat, kemm il-darba ma jinghadx mod iehor fl-istess ligi, ghall-kazijiet kollha pendenti.

3. L-appellant jilmenta wkoll fuq l-interpretazzjoni tal-preskrizzjoni fil-kamp kriminali u cioe "il-preskrizzjoni hija limitatazzjoni fuq id-dritt ta' l-Istat li jipprosegwixxi imma ma taghti l-ebda dritt korrispondenti u ekwivalenti lill-akkuzat ghal dikjarazzjoni ta' non-reita' tal-fatt delittwuz li biha gie akkuzat".

4. Fil-kamp kriminali l-imputat l-anqas jista' jirrinunzja ghall-preskrizzjoni, u tista' u ghandha anzi dejjem titqajjem ex ufficio. Tfisser ukoll illi l-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fuq ir-reita' o meno, ghaliex l-Istat ikun irtiralha dak il-poter. U fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija, tipprevali l-presunzjoni ta' l-innocenza.

5. Fl-ahhar nett ghalhekk l-appellanti jissottometti illi l-bdil fil-ligi tal-preskrizzjoni b'mod aktar favorevoli ghall-imputat kellu applikazzjoni mmedjata. Jista' jinghad ukoll illi jekk jitwal, waqt li jkun ghaddej it-terminu originali, japplika t-terminu itwal. Dan johrog mill-appell kriminali minn eccezzjoni preliminari ta' Nicholas Ellul. Imma fl-istess mod u bl-istess argument l-esponenti kellu dritt vestit li l-ligi tigi applikata ghalih.

Illi verament din il-Qorti wara li ezaminat dak li qalet l-Ewwel Qorti fit-tieni wahda mis-sentenzi taghha cioe' dik ta' l-1 ta' Ottubru, 1996 ftit tara li ghandha x'izzid peress illi dak illi hemm fiha jinvesti l-aspetti kollha nvoluti fil-kwistjoni inkluzi dawk li qed jigu essenzjalment ripetuti llum permezz ta' dan l-appell u fiha hemm risposta kompleta ghall-ilmenti kollha u ghall-aggravji kollha ta' l-appellant.

L-appellant ghandu kontrih zewg fatturi fondamentali. Fl-ewwel lok, illi meta giet istitwita l-kawza kriminali kontrih, bil-ligi kif kienet dak iz-zmien, certament illi ma setghax jinghad illi l-azzjoni setghet b'xi mod tkun preskritta. It-tieni illi bil-fatt tal-promulgazzjoni tal-ligi ta' l-1985 gie stabbilit perjodu ta' preskrizzjoni differenti, ma kien se jwassal qatt biex azzjoni li setghet tinbeda meta effettivament inbdiet ma seghtetx allura titkompla. L-argumenti u s-sottomissjonijiet illi l-appellant jislet f'dan l-istadju mis-sentenza li rrefera ghaliha moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' Nicholas Ellul ma ghandha assolutament ebda rilevanza il-ghaliex ma gie qatt dubitat fil-ligi illi jekk l-azzjoni setghet tinbeda, setghet tigi istitwita, ma setghet qatt tkun konsidrata bhala preskritta, meta giet istitwita, ligi sussegwenti, li tillegisla dwar zmien differenti ta' meta tista' tigi istitwita kawza simili, ma tista' qatt teffettwa la posittivament u lanqas negattivament il-kawza li tkun diga' bdiet.

It-tielet ostakolu imbaghad illi ghandu l-appellant ghall-azzjoni tieghu huwa l-ahhar wiehed mill-aspetti trattati fis-sentenza appellata bl-iktar

mod lucidu possibbli u cioe' illi l-fatt illi fil-mori ta' proceduri titbiddel il-ligi b'mod vantaggjuz, ma jfissirx illi awtomatikament hemm id-dritt ta' kull min ikollu kaz pendenti istitwit taht id-disposizzjoni tal-ligi precedenti illi jibbenefika mit-tibdil vantaggjuz. Id-dritt vantat mill-appellant, kif spjegat fis-sentenza appellata, u kif jidher ukoll mi-citazzjonijiet minn awturi awtorevoli fuq il-materja, sempliciment ma jezistix. Kien jezisti d-dritt kieku giet applikata fil-konfront tieghu ligi sostantiva retroattivament li kienet taggravalu s-sitwazzjoni. Pero', ma jistax jippretendi li ligi li saret biex tirregola l-istituzzjonijiet ta' kawzi simili ghal tieghu, imma minn data sussegwenti ghal dik li fiha giet istitwita tieghu, u ghal meta huwa kkommetta r-reati addebitati lilu, ghandha tapplika a vantagg tieghu. L-ispjegazzjoni li tat l-Ewwel Qorti fit-tieni wahda mis-sentenzi appellata hija ineccepibbli; din il-Qorti tikkondividi l-argumenti hemmhekk zvolti pjenament, u konsegwentement ser tghaddi biex tidderimi l-appell li ghandha quddiemha definittivament.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u z-zewg sentenzi appellati qed jigu kkonfermati. L-ispejjez ta' din l-istanza ikunu a kariku ta' l-appellant Victor Micallef.

Dep/Reg

cb